MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru 136/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**VS**
**SIMON ZAMMIT**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Simon Zammit ta' 34 sena, iben il-mejjet Alfons u Assunta nee' Bajada, imwieled Pieta', fit-12 ta' Marzu 1967, residenti fl-indirizz: 11, 'Simdor', Triq il-Waqqafa, Mosta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 140367M;

Illi huwa akkuzat talli bejn it-31 ta' Ottubru 2001 u dati ta' wara, f'B'Kara b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta' intraprisi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji , jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm4406 (erba' t'elef erba' mija u sitta elef ewro) bi hsara tas-socjeta' E. Grech Cristal Bath Limited. u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.12) u dak ta' l-imputat (a fol. 11 ); Sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-kwerelant Manuel Grech (a fol 13 et seq.), Direttur ta' Grech Crystal Bath Limited jirrizulta illi kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija kontra l-imputat Simon Zammit 'il ghaliex huwa kien xtara materjal ta' bini f'ammont ta' LM 8720 (tmien t'elef, seba' mija u ghoxrin Lira Maltija) u ma hallasx. Manuel Grech xhed illi kien gie Zammit ma' George Grech minn Naxxar u ha l-ewwel konsenja valur ta' LM4551 (erba' t'elef, hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltija) on credit. Sussegwentement il-kumpanija kient talbitu jhallas u l-imputat ta' akkont ta' LM500 (hames mitt Lira Maltija). Illi wara dan l-imputat ipprova jhallas permezz ta' zewg cheques illi kienu post-dated bi tlett xhur izda huwa (Manuel Grech) irrifjuta u l-imputat hareg zewg cheques datati il-31 ta' Ottubru 2001 u t-2 ta' Novembru 2001. Kien biss wara dan il-"hlas", li l-imputat rega' inghata materjal ta' bini f'ammont iehor ta' LM4551 (erba' t'elef, hames

mija u wiehed u hamsin Lira Maltija). Illi dawn ic-cheques ma gewx onorati mill-bank tal-imputat u b'hekk l-imputat kellu jaghti lis-socjeta' kwerelanti LM8720 (tmien t'elef, seba' mija u ghoxrin Lira Maltija). Ic-cheques fuq indikti gew ezebiti bhala EG1 u EG2. Il-kwerelant Grech ezebixxa wkoll diversi invoices bhala EG3. Il-kwerelant xhed ukoll li l-imputat hareg iz-zewg cheques fuq S&D Zammit Company Limited liema kumpanija ma kienitx tezisti. Il-kwerelant xhed illi l-imputat kien hallas is-somma ta' LM800 (tmien mitt Lira Maltija) f'zewg pagamenti ta' LM500 (hames mitt Lira Maltija) u LM300 (tlett mitt Lira Maltija).

Adrian Grech a fol 27 et seq. Sales Representative ma' Grech Crystal Bath Limited ikkonferma c-cheques EG1 u EG2 u xhed illi dawn kienu gew mahruga mill-imputat Simon Zammit fil-prezenza tieghu. Huwa kkonferma ix-xhieda ta' Emanuel Grech u cioe' kif ha l-ewwel konsenja ta' l fuq minn LM4000 (erba' t' elef Lira Maltija) *on credit*, kif hallas LM 500 (hames mitt Lira Maltija) u LM300 (tlett mitt Lira Maltija) akkont, kif gew mahruga z-zewg cheques biex imbaghad ha t-tieni konsenja ta' l fuq minn LM4000 (erba' t' elef Lira Maltija) .

Saviour Micallef a fol 44 Manager tal-Bank of Valletta kkonferma illi c-cheques EG1 u EG2 gew mahruga minn cheque book ta' akkont maghluq fis-17 ta' Frar 2001 f'isem S&D Zammit li kien *an overdraft account*.

Spettur Edel Mary Camilleri kkonfermat ir-rapport illi kien ghamel il-kwerelant kontra l-imputat f'ammont ta' l fuq minn LM8000 (tmien t'elef Lira Maltija) f'materjal ta' bini mibghuh u konsenjat lill-imputat. Hija xhedet illi l-imputat kien hallas biss LM500 (hames mitt Lira Maltija) u li z-zewg cheques mahruga minnu ma kienux gew onorati. Hija kkonfermat ix-xhieda tal-kwerelant. Spettur Camilleri kienet hadet l-istqarrija tal-imputat dok EMC a fol 52 et seq. Spettur Camilleri xhedet illi fl-istqarrija l-imputat qal illi huwa ffirma c-cheques li kienu post-dated bi tlett xhur u li dawn gew irrangati minn Adrian Grech bil-kunsens tal-imputat li ffirma ghalihom. Spettur Camilleri xhedet illi l-

imputat kien qalilha li dak iz-zmien kien ghaddej minn problemi matrimonjali.

Gie ezebit il-Memorandum and Articles of Association ta' S&D Zammit Company Limited.

Emanuel Grech a fol 82 ikkonferma li l-imputat kien ihallas LM1000 (elf Lira Maltija) flus kontanti lill-kumpanija mis-somma globali li kellu jaghtihom.

PC344 Christopher Vella a fol 84 ikkonferma l-istqarrija tal-imputat.

Fir-raba' xhieda tieghu Emanuel Grech a fol 94 xhed illi l-ammont li kellu jaghti lil imputat kien il fuq minn LM 9000 (disa' t'elef Lira Maltija) izda li l-pulizija kienu nfurmahom li l-akkuza tal-frodi kienet tinkwadra biss fuq LM 4000 (erba' t'elef Lira Maltija). Mistoqsi ripetutament mill-Qorti kemm kien hallas l-imputat lill-kumpanija Emanuel Grech a fol 95 fl-ahhar jammetti li l-imputat kien hallas is-somma ta' LM1800 (elf u tmien mitt Lira Maltija) fit-tlett pagamenti ta' LM 500 (hames mitt Lira Maltija) u iehor ta' LM 300 (tlett mitt Lira Maltija).
Mr Joseph Gambina ghan-nom tal-Bank of Valletta kkonferma illi l-akkont ta' S&D Zammit Company Limited infetah fis-26 ta' Awwissu 1997 u nghalaq fis-17 ta' Frar 2001 u ezebixxa l-istatements ta' dan l-akkont minn G1-G47.

Marica Deguara Manager fil-Bank of Valletta Preluna Towers ikkonfermat ix-xhieda ta' Gambina u tat l-particulars tal-imputat Simon Zammit.

Maria Theresa Busuttil a fol 137 mill-Bank of Valletta ezebit dok MB1-MB6 il-korrispondenza bejn l-imputat u l-bank spiccat biex ghalaq l-*overdraft facility* tal-imputat fi Frar ta' 2001.

Emanuel Grech a fol 171 in kontro ezami kkonferma li meta l-imputat kien gie jixtri l-ewwel konsenja ta' materjal tal-bini huwa ma kienx prezenti l-ufficju. Emanuel Grech xhed illi l-ewwel konsenja li ha l-imputat kienet tammonta

ghal LM5000 (hames t’elef Lira Maltija) u mhux LM4551 (erba’ t’elef, hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltija). A fol 174 Emanuel Grech acceta illi r-rapport tal-frodi ma kienx immirat ghall-ewwel konsenja ta’ LM5000 (hames t’elef Lira Maltija) izda ghat-tieni konsenja ta’ LM4551 (erba’ t’elef, hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltija). It-testimonjanza ta’ dan ix-xhud giet sospiza. A fol 178 Emanuel Grech ikompli jixhed in kontro ezami illi wara li l-imputat ha l-ewwel konsenja ta’ LM5000 (hames t’elef Lira Maltija) u hallas permezz ta’ xi pagamenti imbaghad finalment permezz ta’ zewg cheques, il-kumpanija kienet accettat illi taghtih it-tieni konsenja ta’ LM4551(erba’ t’elef, hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltija). Emanuel Grech ikkonferma illi huwa ma kienx accetta ic-cheques post-dated bi tlett xhur u li dawn gew irrangati mill-imputat **u li din kienet ir-raguni il ghaliex inghata t-tieni konsenja**. L-imputat Grech xhed illi huwa ta diversi opportunitajiet lill-imputat biex ihallas anki permezz tal-avukati izda l-imputat ma wasalx u fil-fatt il-kumpanija kienet kostretta li taghmel sekwestru fuq il-vann tal-imputat, dan kien mibghuh ghas-somma ta’ LM900 (disa’ mitt Lira Maltija). A fol 189 Emanuel Grech ezebixxa dok EGZ illi juri l-ammont li ghandha tiehu l-kumpanija minghajr interessi EGZ a fol 195, 196 u 197. Emanuel Grech a fol 199 ezebixxa dok EGY f’ammont ta’ LM4405.89 (erba’ t’elef, erba’ mija u hames Liri Maltin u disa’ u tmenin centezmu) illi minnhom il-kwerelant jghid li ma hallsu xejn.
Edel Mary Camilleri a fol 226 spjegat il-hidma taghha biex tintracca x-xhud George Galea.

George Galea a fol 229 xhed illi huwa inkariga l-kuntrattur biex jaghmel xoghol ta’ bini u gie ngaggat l-imputat Simon Zammit, ghal xoghol ta’ ilma, dawl madum, kmamar tal-banji, tikhil u tibjit. George Galea xhed illi dawn il-kmamar tal-banju kien ghazilhom minghand Grech Crystal Bath Limited. Galea jghid illi huwa hallas l-imputat Zammit b’ tpartit ta zewg garages oltre flus kontanti. Illi kien ghalhekk li George Galea kien mar jaghzel il-kmamar tal-banji minghand is-socjeta’ kwerelanti. George Galea xhed illi huwa kien rebah il-proceduri civili li ghamlet is-socjeta’ kwerelanti kontra tieghu. George Galea xhed dwar il-

modalitajiet ta’ hlas u giet sussegwentement prezentata dok A, skrittura bejn l-imputat u George Galea, ta tpartit ta’ zewg garages oltre LM3000 (tlett t’elef Lira Maltija) fi flus ghax-xoghol ta’ finishings li l-imputat kellu jwettaq. Giet ezebita ukoll a fol 238 ic-citazzjoni 661/04GC li s-socjeta’ kwerelanti fethet kontra George Galea.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda fuq indikata jirrizulta sodisfacentement ipprovat illi l-imputat dahal f’kuntratt ta’ xoghol bejnu u bejn George Galea li fih l-imputat intrabat illi jwettaq xoghol ta’ finishings fuq propjeta’ *shell* ta’ Galea u ghal din il-hidma l-imputat thallas permezz ta’ tpartit ta’ zewg garages oltre LM3000 (tlett t’elef Lira Maltija)  fi flus kontanti.

Mill-atti processwali jirrizulta b’mod inekwivoku illi l-ewwel xiri ta’ materjal ta’ bini u l-konsenja tal-istess mis-socjeta’ kwerelanti lill-imputat fis-somma ta’ circa LM5000 (hames t’elef Lira Maltija), mhijiex meritu tal-akkuza ta’ truffa migjuba kontra l-imputat sempliciment il ghaliex l-ewwel konsenja giet mibghuha *on credit* u mhux kontra hlas b’cheque li ma giex onorat.

Il-kwerelant pero’  biegh u kkonsenja lill-imputat t-tieni konsenja ta’ Lm4451 (erba’ t’elef, erba’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltija) u hija fuq din il-konsenja illi l-imputat gie mixli bi truffa, bi frodi innominat bl-aggravju tal-ammont ai termini ta’ Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
L-Artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

**308. Kull min, b’mezz kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta’**
**ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq**
**iehor, ingann, jew billi huri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen**
**l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor,**

**jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.**

Illi mill-provi fuq indikati johrog bi car illi l-imputat ghal rigward din it-tieni konsenja xtaq ihallas b'permezz ta' zewg cheques li kienu originarjament post-dated bi tlett xhur. Illi dan ma giex accettat mis-socjeta' kwerelanti u d-data fuq dawn ic-cheques giet imhassra u mibdula fid-dati tal-31 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2001. Dawn ic-cheques gew mahruga fuq cheque book tas-socjeta' S&D Zammit Company Limited. Jirrizulta ampjament ippruvat li dan l-akkont bankarju u cioe' facilita' ta' overdraft mill-Bank of Valleta fuq l-imsemmija kumpanija **gie maghluq mill-bank li rtira l-facilita' tal-overdraft is-17 ta' Frar 2001 u cioe' tmien xhur qabel** ma nhargu c-cheques EG1u EG2 mill-imputat.

Illi skond il-gurisprudenza nostrali gie ritenut :

***"Ir-reat ta' truffa, taht in-nomenklatura ta'*** **escroquirie**, ***gie partikolarment studjat mid-dottrina Franciza, u l-Carrara ifahhar dawn l-istudji. Sabiex jikkonkorri dan ir-reat, skond dik id-duttrina, jehtieg li jkun hemm mhux biss is-semplici*** **parole menzogniere*****, izda anke il-***<u>**mise-en-scene**</u>**, *li taghti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ngann. Huwa necessarju ghalhekk illi jigi ppruvat li l-*buona fede *tal-vittma tigi sorpriza b'dan l-artifizju jew kwalifiki foloz, bhalma huma ismijiet foloz".***

***(ara Pulizija vs Alfred Custo deciza fl-10 ta' Lulju 1998 App. Krim.)***

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza il-Pulizija vs George Manicolo deciza fil-31 ta' Lulju 1998 affermat:

***"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba,***
***il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm***
***ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilità lil dik il-gidba.***
***Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali.***
***Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u***
***prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li***
***necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-***
***Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-***
***raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew***
***ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-***
***ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji, kwazi***
***teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem***
***semplici";***

Illi di piu l-Prim Inhallef Dr Vincent DeGeatano **fis-sentenza l-Pulizija vs Emmanuele Ellul** deciza fil-20 ta' Gunju ta' 1997 kompla jispjega li fir-reat ta' truffa:

**"Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-fond inkwistjoni sabiex dan ic-cheque jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna.**

**Element essenzjali iehor tar-reat tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li**

**ggarrab il-vittma b'konsegwenti qligh ghall-agenti, liema telf u**
**qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli**
**taghmel il-vittma <u>ghax tkun giet ingannata.</u> In fatti t-truffa**
**komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni**
**indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta'<u> kif</u>**
**isir it-telf u l-korrispodenti qligh".**

Illi mbaghad fil-kawza **Pulizija vs Anthony Francis Willoughby deciza mill-Appell Kriminali per Prim Imhallef Dr Vincent DeGeatano** fit-12 ta' Frar 1999 jinghad:

**"Naturalment il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus jista' jkun propju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf parimonjali bil-konsegwenti gwadann ghal agent".**

Ara ukoll Pulizja vs Francis sive Franco Farrugia App. Krim. Deciza fis-7 ta' Frar 1985:

Illi l-kaz in ezami jinkwadra perfettament f'dan citat fis-sentenza ta Willoughby **il ghaliex it-tieni biegh ta' materjal ta' bini mis-socjeta' kwerelanti saret biss bl-ghoti u l-konsenja ta' cheques EG1u EG2 u dawn ic-cheques kienu "propju" il-mezz ta' ingann adoperat biex l-imputat jinduci lis-socjeta' kwerelanti taghmel il-bejgh bil-konsegwenti telf patrimonjali taghha u bi gwadann tal-imputat.**

Illi jirrizulta b'mod car illi t-tieni konsenja kienet b'valur ta' LM4551 (erba' t'elef, hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltija)  li minnhom l-imputat ghamel pagament ta' LM1800 (elf u tmien mitt Lira Maltija) apparti Lm900 (disa' mitt Lira Maltija) valur tal-vann tal-imputat li gie mibghuh b'sekwestru. Illi di piu jirrizulta b'mod inekwiviku l-aggravi tal-valur tal-Artikolu 310 tal-Kap 9.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jirrizultax illi hemm ness guridiku bejn il-pretensjonijiet tas-socjeta' kwerelanti u George Galea. (ara dok. A skrittura bejn l-imputat u Galea.)

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, bit-tieni akkuza ta' frodi innominat assorbita ghal fini ta' pieni fl-ewwel akkuza, u wara li rat Artikolu 308, 309 u 310(1), 28A Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal tlettax –il xhar prigunerija sospiza ghal sentejn. Din il-piena qed tigi akkordata wara li din il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat hallas ammont sostanjali minn dak li kien dovut lejn lis-socjeta' kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------